

Brussell, 28 ta' Novembru 2025
(OR. en)

16000/25

SOC 810
EMPL 530
SAN 779

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol
Ħatra tas-Sa Dinah DJALINOUS-GLATZ, membru sħiħ għall-Awstrija,
minflok is-Sa Dorottya KICKINGER, li rriżenjat
- Adozzjoni

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sa Dorottya KICKINGER, bħala membru sħiħ tal-Kumitat imsemmi hawn fuq fil-kategorija tar-rappreżentanti tat-trade unions (għall-Awstrija).
2. Skont l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 li tistabbilixxi Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol¹, il-membri sħaħ u l-membri supplenti jinħatru mill-Kunsill.

¹ ĠU C 218, 13.9.2003, p. 1.

3. F'konformità mal-proċedura tas-soltu, l-Awstrija nnominat lis-Sa Dinah DJALINOUS-GLATZ għal din il-pożizzjoni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-5 ta' Marzu 2028.
4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jagħti parir lill-Kunsill:
 - (a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tissostitwixxi membru sħiħ tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, kif tinsab fid-dokument 16001/25, u
 - (b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.